ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

# Laqgħa tal-Eżekuttiv

## Numru 5

## AĠENDA

19 ta' Jannar 2018

President / Viċi – President / Membru

Qiegħed tiġi mitlub sabiex tattendi għal-Laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Din il-Laqgħa ser tinżamm fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Assoċjazzjoni nhar il-Ħamis, 24 ta' Jannar fil-5:30 ta' filgħaxija.

Mario Fava

President tal-Assoċjazzjoni

---

**AĠENDA**

4.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 3
4.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 4
4.3 Tiġdied ta' Poloz tal-Assigurazzjoni
4.4 Laqgħa tas-Sindki, Marzu 2018
4.4 Komunikazzjoni mill-President
4.5 Skeda tal-Pagamenti No. 4
4.6 Skeda tal-Pagamenti No. 5
4.7 Affarjiet oħra
4.8 Tmiem il-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

**Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.5**
**25/01/2018**

**Data:** Il-Ħamis, 25 ta' Jannar 2018

**Post:** Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Ħin:** 17:30

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru

**Assenti b' Apoloġija:**

Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Aġent Segretarju Eżekuttiv

ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

**Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.5**
**25/01/2018**

# Minuti

Is-Sur Mario Fava ippresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-6:15 ta' filgħaxija.

## 4.1 Qari tal-ittra ta' apoloġiji

4.4.1 Is-Segretarja Eżekuttiva ppreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġija ta' Dr Samuel Azzopardi, is-Sur Joseph Cordina u s-Sur Jesmond Aquilina. Fuq proposta tal-President, is-Sur Fava li ġiet issekondata mis-Sur Fenech Adami, l-Eżekuttiv aċċetta unanimament dawn l-apoloġiji.

## 4.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 3

4.2.1 Fuq proposta tas-Sur Mario Fava li ġiet issekondata mis-Sur Anthony Mifsud, l-Eżekuttiv approva unanimament il-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.3.

## 4.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 4

4.3.1 Fuq proposta tas-Sur Mario Fava li ġiet issekondata mis-Sur Anthony Mifsud, l-Eżekuttiv approva unanimament il-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.4.

## 4.4 Affarijiet relatati mal-Minuti

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Mario Fava** | **4.4.1** Intbgħatet ittra lis-Snr. Isabella Testaferrata De Noto biex tirritorna l-assi lill-Assoċjazzjoni. Is-Snr. Testaferrata De Noto ġiet l-uffiċini tal-Assoċjazzjoni nhar it-Tnejn, 22 ta' Jannar 2018 biex tirritorna l-assi. Il-laptop li kienet tuża biex tagħmel xogħol tal-Assoċjazzjoni ġie irritornat mingħajr data. Is- Sur Fava talab l-approvazzjoni tal-Eżekuttiv biex id- |

data li kien hemm fil-laptop tiġi rkuprata. Talab ukoll li l-ispejjez dovuti jiġu mħallsa mis-Snr. Testaferrata De Noto.
Is-Sur Fava informa wkoll lill-Eżekuttiv li instabu dokumenti li jappartjenu lil AKL, imqattgħin u mormija f' kaxxa qalb t-terrepin fil-kommun tal-bini tal-Assoċjazzjoni u f' waste paper basket f' l-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv, dak inhar li ġie tterminat il-kuntratt tagħha.

**Is-Sur Mark Grech**

**4.4.2** L-ispejjeż għandhom jintbgħatu bħala invoice lis-Snr. Testaferrata De Noto u mhux titnaqqas mill-paga tagħha.

**Is-Sur Anthony Mifsud**

**4.4.3** Staqsa x' tip ta' dokumenti instabu imqattgħin. Is-Sur Fava wieġeb li fost id-dokumenti mormija kien hemm statements bankarji u rapporti finanzjarji tal-AKL. Filwaqt li kompla jgħid li għad irrid jibda l-proċess biex karti oħrajn li nstabu mormija fl-uffiċċju tas-Snr. Testaferrata De Noto jiġu miġbura.

**Is-Sur Michael Fenech Adam**

**4.4.4** Ta parir li l-Assoċjazzjoni tieħu parir legali qabel ma tibda l-proċess li tirkupra l-informazzjoni imħassra mill-laptop tas-Snr. Testaferrata De Noto.

**4.4.5 Deċiżjoni**

**Kien hemm qbil biex l-Assoċjazzjoni tirkupra l-informazzjoni imħassra la darba l-laptop kien parti mill-assi tal-Assoċjazzjoni u għaldaqstant l-informazzjoni li kien hemm fih kienet ukoll tgħajjat lill-Assoċjazzjoni.**

## 4.5 Tiġdied ta' Poloz tal-Assigurazzjoni

**Is-Sur Mario Fava**

**4.5.1** Semma kif nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Jannar l-Assoċjazzjoni ltaqat mal-kumapaniji tal-Assigurazzjoni li joffru poloz ta' assigurazjoni lill-AKL. Fost il-poloz li ġew diskussi kien hemm; il-Money Policy, il- Group Personal Accident, Open Travel Policy li minna jibbenifikaw il-membri tal-Eżekuttiv li jsiefru fuq xogħol kif ukoll il-polza li tkopri l-Bini u l-Kontenut tal-Assoċjazzjoni.
Kull poloza ġiet aġġornata biex b'hekk ikunu inklużi aktar benefiċji. Filwaqt li żdiedu xi assi li qabel ma kienux koperti.

## 4.6 Laqgħa tas-Sindki, Marzu 2018

**Is-Sur Mario Fava**

**4.6.1** Fakkar li l-Laqgħa tas-Sindki li jmiss ser issir nhar is-Sibt, 24 ta' Marzu 2018. Informa wkoll lil dawk preżenti li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa.
L-Aġenda għal din il-Laqgħa ser tkun ibbażata fuq l-irwol tas-Sindku u tal-President Reġjonali. Fil-jiem li ġejjin is-Sur Fava għandu jħejji rapport relatat li ser jitqassam lill- membri tal-Eżekuttiv u wara jgħaddi għand il-Kunsilli.
Semma wkoll li ser jiġi allokat ħin għal preżentazzjonijiet minn xi entitajiet fosthom; l-organizazzjoni li tieħu ħsieb nies li għandhom il-kundizzjoni tal-Bipolar , l-entita' OK Medical li

ser toffri testijiet tas-smigħ kif ukoll l-kumpanija Energy Alliance Technology li ser tagħati xi dimostrazzjonijiet fuq materjali li jiġi applikat biex l-art tiġi non-slip.

## 4.7 Komunikazzjoni mill-President

### 4.7.1 Rapporti COR

**Il-President** informa lil dawk preżenti li l-Konsulent fuq Affarjiet Ewropej li għandha l-Assoċjazzjoni kien għaddielu r-rapporti meħtieġa hekk kif kien mifthiem.

### 4.7.2 Bordijiet tal-Aġġudikazzjoni tal-Proġetti

**Il-President** semma kif bħal issa għaddejja korrispondenza mad-Dipartiment fuq dan is-suġġett. Is-Sur Fava spjega li fil-fehma tiegħu dan il-board m'għandux ikun iffurmat biss mill-professjonisti imma għandu jkun hemm ukoll membri tal-Kunsill li jkollhom deċiżjoni wkoll fuq l-aġġudikazzjoni tal-proġetti. Din għandha tkun għażla tal-Kunsill Lokali. Semma kif dan anki se jitfa piż finanzjarju ġdid fuq il-Kunsilli Lokali. Semma li xorta jista' jkun hemm kunflitt ta' interess bejn il-professjonisti.
Semma wkoll li mhux dejjem ikun vijabbli li kunsill isib esperti bħal fil-każ meta wieħed ikun irrid jaġġudika proġetti ta' tindif tal-latrini. Fl-eventwalita' li jkun hemm Kunsilli ma jsibux esperti dawn it-tenders ser jibqgħu pendenti
Ippropona li jekk ikun qbil tinħareġ direttiva mill-Assoċjazzjoni lill-Kunsilli Lokali biex ma jimxux ma' dawn il-linji gwidja.

**Is-Sur Mark Grech** ta l-opinjoni tiegħu u semma kif din għandha tkun deċiżjoni tal-Kunsilli jekk ikollux board magħmul minn esperti biss jew inkellha għandux ikunu involuti l-membri tal-Kunsill. Biss pero huwa jememen li l-Kunsill għandu jkollu rappreżentanza. Jemmen li fuq dawn il-boardijiet għandu jkun hemm membru tal-publiku, espert kif ukoll membru tal-Kunsill.

**Is-Snr. Graziella Galea** taqbel ma' dak li qiegħed jiġi propost mid-Dipartiment fejn il-boardijiet għandhom ikunu kompsti minn esperti. Dan għaliex fil-Kunsill mhux dejjem ikollok membri li jkunu kapaċi jużaw is-sistema biex jagħmlu l-evalwazzjoni kif ukoll ijista' jkun li jekk membri ma jaqblux jista' l-proġett jitħalla fuq ir-riħ.

**Is-Sur Anthony Mifsud** jaqbel li fuq il-board għandu jkun hemm rappreżentanti mill-Kunsill.

**Is-Sur Michael Fenech Adami** staqsa jekk dawn l-ersperti humiex ser ikunu b' mod volontarju jew jekk humiex ser ikomplu jżiedu l-ispiża tal-Kunsill. Jifhem ukoll li din il-proposta setgħet ġiet implimentata biex jiġi mnaqqas l-abbuż li seta' kien hemm, fejn persuna waħda jkollha l-aċċess fis-sistema ta' dawk kollha nvoluti fl-aġġudikazzjoni fejn b' hekk l-evalwazzjoni tkun fir-realta' saret minn persuna waħda. Issuġġerixxa li kull Reġjun

għandu jiddelega impjegat fejn ikun Chairman fuq il-bordijiet tal-Kunsilli.

**Deċiżjoni : Ma kienx hemm konklużjoni fuq dan is-suġġett iżda l-President qal li se jagħti ċans sa l-aħħar ta' Frar biex imbgħad l-Assoċjazzjoni tieħu deċiżjoni defenittiva fl-aħjar interess tal-Kunsilli Lokali.**

**4.7.3 FACES – Bus Shelters**

**Il-President** semma li kif ġie deċiż fil-laqgħat preċidenti, L-Assoċjazzjoni tat l-ittra tat-terminazzjoni lill-kumpanija FACES. Waqt laqgħa li saret bejn l-Assoċjazzjoni u l-kumpanija msemmija, l-avukat tagħhom qal ser ikun hemm implikazzjonijiet finanzjarji jekk dan il-kuntratt ser jiġi tterminat. Is-Sur Fava, qal li l-parir legali tal-Assocjazzjoni hu li sena huwa l-perjodu ta' notifika sabiex jintemm il-kuntratt. Il-kuntratt jgħid li mill-aħħar bus shelter li twaħħal irridu jibdew jiskattaw l-għaxar snin. Ippropona li l-Assoċjazzjoni tiffirma MOU ma' Transport Mala li issa ser ikollha l-kuntrattur tagħha, fejn kull talba mingħand il-Kunsill trid tiġi għand l-Assoċjazzjoni li din wara tgħaddi għand TM. Din tkun ukoll tapplika jekk TM tiddeċiedi li tneħħi xi Bus Shelters. Bil-għan li il-Assoċjazzjoni tiżgura li l-Kunsilli qed jiġu moqdija.

**Is-Sur Michael Fenech Adami** staqsa x'inhu l-iskop li l-Assoċjazzjoni tidħol fl-inkarigu li tavża lil Kunsilli biex ma jużax is-servizz tal-

FACES. Semma li għandu jkun hemm għażla u l-Kunsill jitħalla fil-liberta' li jagħażel ma' liema kuntrattur irrid jaħdem. Għamel ukoll il-punt li ħafna mid-dewmien ikun ġej minn TM u mhux mill-kuntrattur innifsu. Jemmen li għandha tkun TM li twaqqaf il-kuntratt minn ma' FACES u mhux l-Assoċjazzjoni.
Semma li jrrid ikun jaf min hu l-Kuntrattur ta' TM qabel tittieħed deċiżjoni ta' kif ser taġixxi l-Assoċjazzjoni. Jaqbel li l-Assoċjazzjoni ddaħħal il-klawżoli li hemm bżonn imma m' għandiex toħroġ ċirkulari lill- Kunsilli biex ma jagħmlux FACES.

**Is-Sur Anthony Mifsud** staqsa jekk hemmx xi waiting list għand FACES biex jitwaħħlu xi Bus Shelters. Skond is-Sur Fava, mid-data tat-terminazzjoni tal-kuntratt ma kien hemm l-ebda lista. Semmew kif kull talba li hemm bħal issa ma' FACES trid tmur għand TM, il-Kunsill irid jagħmel talba ġdida ma' TM.

**Is-Sur Mark Grech** semma kif huwa stramb li mhemmx data ta' terminazzjoni fil-kuntratt.
Il-President qal li bilfors l-Assocjazzjoni trid twaqqaf il -Kuntratt ghax hi l-fimatarja mall-kumpanija private. Barra dan, la darba l-Assoċjazzjoni hi l-firmatarja u l-kuntratt qiegħed magħha, bilfors trid tinforma lil Kunsilli Lokali biex jikkomunikaw magħha jekk iridu bus shelter ġdid għax inkella bil-klawsola tal-kuntratt, u bl-interpretazzjoni tal-Kumpanija, jekk Kunsill jitlob lil kumpanija dirett, jerġgħu jiskattaw l-għaxar snin u l-

Kuntratt ma jintemm qatt. Qal li l-ebda kuntratt ma jkollux data ta' bidu u tmiem. Qal ukoll li diġa kienet inħadet deċiżjoni li l-kuntratt jintemm u n-notifika diġa ingħatat. Il-problema hija biss fuq l-interpretazzjoni tal-perjodu ta' notifika. Qal li se jressaq l-emendi li qed titlob l-Assoċjazzjoni għall-attenzjoni tal-kumpanija sabiex jidħlu fis-seħħ fiż-żmien li fadal.

**4.7.4 Donazzjonijiet miġbura mill-Kunsilli għal MCCF**

**Il-President** semma li bl-inizjattiva li l-Assoċjazzjoni ħadet matul is-sena 2017 inġabbret is-somma ta' €1,170.04. Din ser tiġi ppreżentata lill-Eċellenza Marie Louise Coleiro Preca nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Frar waqt Laqgħa privata. Semma wkoll li fil-jiem li ġejjin ser tinħareġ ċirkulari biex terġa tinfetaħ l-inizjattiva għas-sena 2018.

## 4.8 Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti Nu. 4

4.8.1 Fuq proposta tas-Sur Mario Fava li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, l-Eżekuttiv approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-28 ta' Novembru 2017 u 11 ta' Diċembru 2017 li kient tammonta għall-€48,693.28.

## 4.9 Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti Nu. 5

4.9.1 Fuq proposta tas-Sur Mario Fava li ġiet issekondata mis-Sur Anthony Mifsud, l-Eżekuttiv approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-17 ta' Jannar 2018 u l-24 ta' Jannar 2018 li kient tammonta għall-€124,240.45.

## 4.10 Affarjiet oħra

| | |
|---|---|
| **4.10.1 Performance Bonus** | Ilkoll qablu li l-ħaddiema klerikal tal-Assoċjazzjoni jingħataw 6% performance bonus pro-rata mill-bidu tal-impjig tagħhom mal-Assoċjazzjoni. Is-Sur Fava qal li dan ser jingħata mal-paga ta' Frar peressli r-rapporti jridu jimtlew minnu peressli s-Segretarja Eżekuttiv qatt ma kinitx għamlithom u ma ppreżentathomx. Filwaqt li semmew li s-Snr. Testaferrata De Noto għandha tieħu l-minimu ta' kif stipulat bil-liġi. Is-Sur Fava xtaq li jieħu parir legali jekk ijiex intitolata li tieħodhom wara l-atteġjament li hija wriet lejn l-Assoċjazzjoni. Kif ukoll li kienet responsabbilita' tas-Segretarju li dawn jitressqu quddiem l-Eżekuttiv għall-approvazzjoni. Huwa qal li l-atteġġjament tagħha ma jimmeritax li hija tieħu performance bonus. |

**4.10.2 Proġett SCOW**

Il-President semma li huwa għaddej f' kommunikazzjoni mas-Sur Disma Attard. Ser ikun qiegħed jerġa' jiltaqa miegħu fil-jiem li ġejjin.
Is-Sur Fava qal li qiegħed jieħu parir legali peress li s-Sur Disma Attard qiegħed jgħid li l-Assoċjazzjoni għandha tagħmel tajjeb għal xi testijiet li jridu jsiru.

**4.10.3 Proġett SunEagle**

Il-President semma li kkomunika miegħu l-Ispettur li qiegħed jinvestiga l-proġett SunEagle fejn dan beda jsib diffikulta' biex jikkomunika ma' persuni li ħadmu fuq il-proġett mill-Italja. Spjega li l-Assoċjazzjoni ppruvat issib il-kuntatti li b' xi mod setgħu jgħinu. Wara diversi tentattivi, bl-għajnuna tal-Assoċjazzjoni, l-Ispettur irnexxilu jagħmel kuntatt.

**4.10.4 ECAD Membership**

Il-President talab l-approvazzjoni biex titħallas il-membership fee ta' madwar €300. L-Eżekuttiv qabel unanimament li din għandha titħallas.

## 4.11 Tmiem il-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

4.11.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal ħabta ta' 7:15 ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 6 ta' Marzu 2018 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Lianne Mifsud

Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-sitt Laqgħa tat-Tmien Leġislatura li saret il-Tlieta, 6 ta' Marzu 2018.

**Mario Fava**

**President**